MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 74/2003

**Is-Socjeta' GDL Trading And Services Limited**

**vs**

**John Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, mija u erba' liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1104.53), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' merkanzija konsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fil-hanut tieghu 'King Fisher Pet Shop' (Ta' St. Domenic Street, Victoria, Ghawdex).

Minkejja li l-konvenut gie nterpellat ghal diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut minnu, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez.”

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta entro t-terminu preskritt u ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici fis-seduta tal-ewwel t’0ttubru 2003 f’liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal; u lanqas deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gieb ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------